Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 9 ta' Frar 2017**
**(OR. en)**

**6057/17**

**PUBLIC 7**
**INF 16**

**NOTA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL - NOVEMBRU 2016 |

Dan id-dokument jelenka l-atti adottati mill-Kunsill f'Novembru 2016.[1] [2]

Dan jagħti informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti leġislattivi, inkluż:

- id-data tal-adozzjoni,
- is-sessjoni rilevanti tal-Kunsill,
- in-numru tad-dokument adottat,
- ir-referenza għall-Ġurnal Uffiċjali,
- ir-regoli ta' votazzjoni, ir-riżultati tal-votazzjoni u, fejn adatt, l-ispjegazzjonijiet tal-votazzjoni u d-dikjarazzjonijiet ippubblikati fil-minuti tal-Kunsill.

Dan id-dokument fih ukoll informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti mhux leġislattivi li l-Kunsill ikun iddeċieda li jippubblika.

[1] Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet ta' proċedura, ħatriet, deċiżjonijiet ta' korpi stabbiliti bi ftehimiet internazzjonali, deċiżjonijiet bagitarji speċifiċi, eċċ.

[2] Fil-każ ta' atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-laqgħa tal-Kunsill meta jkun ġie adottat l-att leġislattiv u d-data proprja tal-att inkwistjoni, peress li l-atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja jitqiesu biss li ġew adottati wara li jiġu ffirmati kemm mill-President tal-Kunsill kif ukoll mill-President tal-Parlament Ewropew u mis-Segretarji Ġenerali taż-żewġ istituzzjonijiet.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll fis-sit elettroniku tal-Kunsill:

Sommarji ta' kull xahar tal-atti tal-Kunsill (atti) - Consilium

Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill fi: Dokumenti u pubblikazzjonijiet - Consilium

Ta' min jinnota li dan id-dokument huwa esklużivament għal finijiet ta' informazzjoni - il-minuti tal-Kunsill biss huma awtentiċi. Dawn huma disponibbli fis-sit web tal-Kunsill: Minuti tal-Kunsill - Consilium

**INFORMAZZJONI DWAR L-ATTI ADOTTATI MILL-KUNSILL F'NOVEMBRU 2016**

**It-3495 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI) li saret fi Brussell fit-8 ta' Novembru 2016**

ATTI LEĠISLATTIVI

| ATT | DOKUMENT | REGOLA TA' VOTAZZJONI | VOTI |
|---|---|---|---|
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1972 tat-8 ta' Novembru 2016 li tadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 4 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2016<br>ĠU L 304, 11.11.2016, p. 5-5 | 13331/1/16 REV 1 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, minbarra:<br>Astensjoni: UK |

**Dikjarazzjoni mill-Kunsill dwar l-ABE Nru 4/2016**

Filwaqt li jaqbel mal-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 4/2016 u l-konċentrazzjoni fil-bidu ta' EUR 73.9 miljun għall-proviżjonament tal-Fond ta' Garanzija tal-FEIS, il-Kunsill ma jipprekludi ebda deċiżjoni dwar il-proposta tal-Kummissjoni COM(2016) 597 final dwar l-estensjoni tad-durata tal-FEIS sal-2020. Il-Kunsill iqis dan l-ammont bħala finanzjament parzjali tal-pakkett tal-FEIS diġà miftiehem fl-2015.

**Dikjarazzjoni mill-Kunsill dwar il-multi**

Minħabba ċ-ċirkostanzi speċifiċi li jikkaratterizzaw il-baġit emendatorju Nru 4/2016, il-Kunsill jieħu nota li l-multi li diġà saru definittivi ma ddaħħlux fil-baġit bħala dħul tal-baġit. Il-Kunsill ifakkar fl-importanza li l-multi jiddaħħlu fil-baġit bħala dħul tal-baġit mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard mis-sena wara li jkunu ntużaw ir-rimedji legali kollha, f'konformità mal-Artikolu 83 tar-Regolament Finanzjarju u r-regoli ta' applikazzjoni tiegħu.

Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b'mod kemm jista' jkun regolari dwar multi li jistgħu jiġu rreġistrati bħala dħul tal-baġit, bil-ħsieb li tittejjeb il-prevedibbiltà tal-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri.

| ATT | DOKUMENT | REGOLA TA' VOTAZZJONI | VOTI |
|---|---|---|---|
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1973 tat-8 ta' Novembru 2016 li tadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 5 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2016<br>ĠU L 304, 11.11.2016, p. 6-6 | 13333/1/16 REV1 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
|---|---|
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Finanzjament għall-Ġlieda kontra t-Tibdil fil-Klima | 14167/16 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Konġunt tal-Kummissjoni u l-Kumitat tal-Politika Ekonomika (EPC) dwar is-Sistemi tal-Kura tas-Saħħa u tal-Kura fit-tul u s-Sostenibbiltà Fiskali | 13775/16 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 17/2016 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "L-istituzzjonijiet tal-UE jistgħu jagħmlu aktar biex jiffaċilitaw l-aċċess għall-akkwist pubbliku tagħhom" | 14171/16 |
| Deċiżjoni (UE) 2016/2099 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 2016 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (wara applikazzjoni mill-Estonja - EGF/2016/003 EE/żejt grezz u kimiċi)<br>ĠU L 326, 1.12.2016, p. 14-15 | 13311/16 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 19/2016 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Implimentazzjoni tal-baġit tal-UE permezz ta' strumenti finanzjarji - tagħlimiet li għandhom jinsiltu mill-perijodu tal-programm 2007-2013" | 14127/16 |
| Deċiżjoni (UE) 2015/435 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2014 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Marġini ta' Kontinġenza<br>ĠU L 72, 17.3.2015, p. 4-5 | 13329/16 |
| Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1982 tat-8 ta' Novembru 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2007/441/KE li tawtorizza lir-Repubblika Taljana sabiex tapplika miżuri ta' deroga mill-Artikoli 26(1)(a) u 168 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud<br>ĠU L 305, 12.11.2016, p. 30-31 | 12678/16 |

| | |
|---|---|
| Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1988 tat-8 ta' Novembru 2016 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/678/UE li tawtorizza lir-Repubblika Taljana sabiex tkompli tapplika miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 285 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud<br>ĠU L 306, 15.11.2016, p. 11-12 | 13140/16 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar titjib fir-regoli attwali tal-UE dwar il-VAT għal transazzjonijiet transfruntiera | 14257/16 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/47 tat-8 ta' Novembru 2016 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar regoli supplementari fir-rigward tal-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna għall-perijodu 2014 sa 2020<br>ĠU L 7, 12.1.2017, p. 2-3 | 12833/16 |
| Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar regoli supplementari fir-rigward tal-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna għall-perijodu 2014 sa 2020<br>ĠU L 7, 12.1.2017, p. 4-13 | 12881/16 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1961 tat-8 ta' Novembru 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna<br>ĠU L 301, 9.11.2016, p. 15-17 | 13725/16 |
| Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1955 tat-8 ta' Novembru 2016 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna<br>ĠU L 301, 9.11.2016, p. 1-4 | 13728/16 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 11/2016 "Tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva fl-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja: progress limitat f'kuntest diffiċli" | 14181/16 |

| | |
|---|---|
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-Konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal-persuni, rigward il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Kroazja bħala Parti Kontraenti, wara l-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea | 14381/13 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri Nru 8/2016: "It-trasport ferrovjarju tal-merkanzija fl-UE: għadu mhux fit-triq it-tajba" | 13231/16 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għal Konvenzjoni dwar it-traffiku ferrovjarju internazzjonali fi transitu | 13232/16 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, l-Ungerija, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Rumanija u r-Repubblika Slovakka biex imexxu negozjati fl-interess tal-Unjoni għal Konvenzjoni dwar it-traffiku ferrovjarju dirett internazzjonali, fir-rigward ta' materji koperti mid-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għal Konvenzjoni dwar it-traffiku ferrovjarju internazzjonali fi transitu | 13233/16 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istatistika tal-UE | 14164/16 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kriterji u l-proċess li jwassal għall-istabbiliment tal-lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa<br>ĠU C 461, 10.12.2016, p. 2–5 | 14166/16 |

| It-3496 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET BARRANIN / KUMMERĊ) li saret fi Brussell fil-11 ta' Novembru 2016 | |
|---|---|
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/2369 tal-11 ta' Novembru 2016 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll tal-Adeżjoni mal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù, min-naħa l-oħra, biex tittieħed inkonsiderazzjoni l-adeżjoni tal-Ekwador<br>ĠU L 356, 24.12.2016, p. 1-2 | 7620/16 |
| Protokoll ta' Adeżjoni mal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù, min-naħa l-oħra, biex tittieħed inkonsiderazzjoni l-adeżjoni tal-Ekwador<br>ĠU L 356, 24.12.2016, p. 3-1456 | 7621/16 |
| **Dikjarazzjoni mill-Awstrija**<br>Fir-rigward tal-applikazzjoni proviżorja mill-Unjoni Ewropea tal-Protokoll tal-Adeżjoni mal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù, min-naħa l-oħra, biex tittieħed inkonsiderazzjoni l-adeżjoni tal-Ekwador, ir-Repubblika tal-Awstrija tiddikjara li hija ma tistax timplimenta dawk il-partijiet tal-Ftehim li jinvolvu l-kompetenzi tal-Istati Membri qabel ma l-proċeduri interni meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ikunu tlestew kollha. Ir-Repubblika tal-Awstrija ser tniedi malajr kemm jista' jkun il-proċeduri interni tagħha u, jekk tinqala' xi problema, ser tikkonsulta mal-Kummissjoni Ewropea. | |

| |
|---|
| **Dikjarazzjoni mill-Irlanda**<br>L-Irlanda tfakkar fid-dikjarazzjoni li saret mill-Kunsill fil-31 ta' Mejju 2012 fl-okkażjoni tal-adozzjoni mill-Kunsill tad-deċiżjoni li tawtorizza l-firma u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù, min-naħa l-oħra. Id-dikjarazzjoni tal-Kunsill semmiet li:<br>'Fil-każ li l-implimentazzjoni tal-ftehim mill-Unjoni Ewropea tkun teħtieġ rikors għal miżuri skont il-Parti III, it-Titolu V, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-dispożizzjonijiet tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward taż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ser jiġu rispettati kompletament.'<br>L-Irlanda tinnota li d-dikjarazzjoni tal-Kunsill tapplika wkoll għall-adeżjoni mill-Ekwador għall-Ftehim u tinnota wkoll li l-Kummissjoni, permezz ta' ittra datata t-13 ta' Ottubru 2016, avżat lill-Ekwador bit-termini tad-dikjarazzjoni tal-Kunsill. |
| **Dikjarazzjoni mill-Portugall**<br>Filwaqt li nżommu f'moħħna l-konformità mal-prinċipju tal-qsim tal-kompetenza bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, kif stabbilit mit-Trattati, id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll ta' Adeżjoni mal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù, min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tal-Ekwador, m'għandhiex taffettwa l-awtonomija tad-deċiżjonijiet tal-Portugall dwar kwistjonijiet fil-kompetenza nazzjonali tiegħu, li r-rabta internazzjonali tiegħu mal-Protokoll ta' Adeżjoni, skont il-prinċipji u r-regoli Kostituzzjonali tiegħu, tiddependi mill-konklużjoni tal-proċeduri interni ta' ratifika u d-dħul fis-seħħ tal-Protokoll ta' Adeżjoni fis-sistema legali internazzjonali. |
| **Dikjarazzjoni mis-Slovenja**<br>Abbażi tal-allokazzjoni ta' kompetenzi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha skont it-Trattati, id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll ta' Adeżjoni mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù, min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tal-Ekwador, ma għandhiex taffettwa l-awtonomija tar-Repubblika tas-Slovenja li tiddeċiedi li tkun marbuta bih fir-rigward ta' kwistjonijiet li jaqgħu fil-kompetenza nazzjonali tagħha. Dan jimplika fost l-oħrajn li r-referenza fil-Protokoll ikkonċernat għal rekwiżiti u proċeduri interni meħtieġa għall-applikazzjoni proviżorja tiegħu għandha tinftiehem, fil-każ tas-Slovenja, li tirreferi għat-tlestija tal-proċeduri ta' ratifika. |

| | |
|---|---|
| **Dikjarazzjoni mir-Renju Unit**<br>Ir-Renju Unit jilqa’ l-firma u l-konklużjoni tal-Protokoll ta' Adeżjoni għall-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù, min-naħa l-oħra, biex tittieħed inkonsiderazzjoni l-adeżjoni tal-Ekwador.<br>Madankollu, ir-Renju Unit hu tal-fehma li l-Ftehim fih dispożizzjonijiet relatati mal-preżenza temporanja ta’ persuni fiżiċi għan-negozju li jikkonformaw mat-Titolu V tal-Parti III tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni. Ir-Renju Unit ifakkar li, f’konformità mal-Artikolu 2 tal-Protokoll (Nru 21) għat-Trattati dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-Rigward tal-Ispazju ta’ Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, l-ebda dispożizzjoni ta’ kwalunkwe ftehim internazzjonali konkluż mill-Unjoni skont dak it-Titolu ma għandha tkun vinkolanti jew applikabbli fir-Renju Unit, ħlief jekk, f’konformità mal-Artikolu 3 tal-Protokoll, jinnotifika l-intenzjoni tiegħu li jixtieq jieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta’ miżura proposta.<br>Konsegwentement, f’konformità mal-Artikolu 3 tal-Protokoll (Nru 21), ir-Renju Unit innotifika lill-President tal-Kunsill li, sa fejn id-Deċiżjonijiet jirrigwardaw il-preżenza temporanja ta’ persuni fiżiċi għan-negozju, huwa għandu l-intenzjoni li jieħu sehem fid-Deċiżjonijiet tal-Kunsill. | |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1995 tal-11 ta' Novembru 2016 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim fil-forma ta’ Skambju ta’ Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil skont l-Artikolu XXIV:6 u l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) 1994 fir-rigward tal-modifika ta’ konċessjonijiet fl-iskeda tar-Repubblika tal-Kroazja fil-kuntest tal-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea<br>ĠU L 308, 16.11.2016, p. 1-2 | 13036/16 |
| Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1989 tal-11 ta' Novembru 2016 li tikkostitwixxi rakkomandazzjoni għall-estensjoni ta' kontroll temporanju fil-fruntieri interni f'ċirkostanzi eċċezzjonali li jqiegħdu l-funzjonament ġenerali taż-żona Schengen f'riskju<br>ĠU L 306, 15.11.2016, p. 13-15 | 13979/16<br>Regola ta' votazzjoni: Maġġoranza kwalifikata<br>Riżultati tal-votazzjoni: Kontra: EL<br>Astensjonijiet: BG, CY, HU |

**Dikjarazzjoni mill-Greċja**

Il-Greċja jiddispjaċiha li l-adozzjoni tal-proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tikkostitwixxi Rakkomandazzjoni għall-estensjoni ta' kontroll temporanju fil-fruntieri interni f'ċirkostanzi eċċezzjonali li jqiegħdu l-funzjonament ġenerali taż-żona Schengen f'riskju, hija bbażata, fost l-oħrajn, fuq il-preżunzjoni li 'numru sinifikanti ta' migranti irregolari (madwar 60 000) li nqabdu fil-Greċja li jistgħu raġonevolment jiġu mistennija li jippruvaw jiċċaqilqu [b'mod irregolari] lejn Stati Membri oħrajn'.

Il-Greċja tfakkar fir-Rapport ta' segwitu tagħha (12 ta' Awwissu 2016) dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni tagħha wara l-evalwazzjoni ta' Novembru 2015, fejn hija ppreżentat il-pożizzjoni soda tagħha li ma jista' jiġi sostanzjat ebda riskju ta' movimenti sekondarji mit-territorju tagħha lejn Stati Membri oħra tal-UE, b'tali mod li jista' jkun ta' theddida għas-sigurtà interni u l-ordni pubbliku f'konformità mal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen.

Mill-evalwazzjoni ta' Novembru 2015 'l hawn, il-kontrolli u l-pattulji kollha fil-fruntiera fil-punti ta' qsim tal-fruntiera kollha tal-Greċja komplew isiru aktar stretti. Fost l-oħrajn, fil-qafas tal-Operazzjoni Nazzjonali 'SARISA', il-Greċja ħadet il-miżuri kollha meħtieġa biex tipprevjeni u tiskoraġġixxi kwalunkwe tentattiv ta' ħarba mill-kontinent lejn it-Tramuntana, inkluż l-Eks Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja. Barra minn hekk, il-Greċja talbet biex jintbagħtu l-Uffiċjali Mistiedna tal-Frontex fil-fruntieri tal-art bejn il-Greċja u l-Albanija u l-Greċja u l-Eks Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja.

Il-Greċja hija tal-fehma li l-'indikaturi fattwali' msemmija fil-premessa nru 13 ta' din il-proposta ma jistgħux jiġu sostanzjati b'mod adegwat. Ir-ripetizzjoni ta' dak li hu 'ġġustifikat li jkun mistenni' (premessa nru 5); li 'jidher iġġustifikat' (premessa nru 12); kif ukoll ta' dawk 'li jistgħu raġonevolment jiġu mistennija li jippruvaw jiċċaqilqu b'mod irregolari lejn Stati Membri oħrajn' (memorandum ta' spjegazzjoni, p. 3) jagħtu prova li l-proposta hija bbażata fuq spekulazzjonijiet u m'għandhiex ir-raġunament neċessarju biex il-kontrolli temporanji fil-fruntieri jiġu estiżi f'konformità mal-Artikolu 29 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen.

Il-Greċja tfakkar ukoll li l-informazzjoni pprovduta mill-ħames Stati ta' Schengen (l-Awstrija, il-Ġermanja, id-Danimarka, l-Iżvezja u n-Norveġja) dwar il-kontrolli fil-fruntieri interni kienet fqira u mhux dettaljata biżżejjed, u dan huwa rifless fir-rapport tal-Kummissjoni tat-28 ta' Settembru 2016 dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Mejju 2016. Għaldaqstant, huwa ma jipprovdix pedament sod għall-estensjoni tal-kontrolli temporanji fil-fruntieri.

Il-Greċja ttenni li rispons adegwat f'isem l-Istati Membri għas-sejħiet għal esperti mill-EASO u l-FRONTEX huwa l-element ewlieni biex tirnexxi l-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni UE-Turkija.

Barra minn hekk, il-preżunzjonijiet dwar l-għadd akkumulat ta' applikazzjonijiet għall-asil li waslu mill-Istati ta' Schengen huwa irrilevanti għas-suġġett u ma jiġġustifikax il-bżonn ta' estensjoni tal-kontrolli temporanji fil-fruntieri interni.

Konsegwentement, il-Greċja ma tistax taqbel mal-proposta għal din id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill.

**Dikjarazzjoni mill-Ungerija**

Sa mill-bidu tal-kriżi tal-migrazzjoni l-Ungerija hija tal-fehma li l-protezzjoni tal-fruntieri esterni hija l-aktar element importanti biex jitrażżan l-influss ta' migranti irregolari. Irridu niżguraw li l-fruntieri esterni jinqasmu biss f'konformità mar-regoli u r-regolamenti.

L-Ungerija hija konvinta li l-abbozz ta' deċiżjoni li tikkostitwixxi r-Rakkomandazzjoni għall-estensjoni ta' kontroll temporanju fil-fruntieri interni jagħti rispons inadegwat għall-problemi reali u jista' jwassal għall-waqgħa taż-Żona Schengen.

L-abbozz ta' deċiżjoni fih innifsu jenfasizza li l-informazzjoni pprovduta mill-5 Stati Membri turi stabbilizzazzjoni progressiva tas-sitwazzjoni. Il-fatti u d-data elenkati fl-abbozz ta' deċiżjoni u ċ-ċifri ppreżentati fir-rapport tal-Kummissjoni Ewropea fit-28 ta' Settembru 2016 ma jiġġustifikawx la l-bżonn u lanqas il-proporzjonalità taż-żamma tal-kontrolli temporanji fil-fruntieri fit-taqsimiet speċifikati tal-fruntieri interni. La l-abbozz ta' deċiżjoni u lanqas ir-rapport tal-Kummissjoni ma jippreżentaw prova oġġettiva fir-rigward tal-punti tad-dħul ta' persuni li qed ifittxu asil fit-territorju tal-5 Stati Membri kkonċernati.

Il-"Pjan Direzzjonali Lura lejn Schengen" ma jipprovdix il-kondizzjoni legali biex jinżamm il-kontroll temporanju fil-fruntieri fil-fruntieri interni; madankollu, l-Ungerija taqbel mal-implimentazzjoni sħiħa tal-proċess "lura lejn Schengen".

Il-kontroll fil-fruntieri interni għandu jkun limitat fl-ambitu, fil-frekwenza, fil-post u fil-ħin, għal dak li huwa strettament meħtieġ għall-indirizzar tat-theddid serju u għas-salvagwardja tal-ordni pubbliku u s-sigurtà interna, mingħajr ma jxekkel il-moviment liberu b'mod indebitu fiż-Żona Schengen. L-Istati Membri rilevanti għandhom jiġu kkonsultati regolarment bil-ħsieb li jiġi żgurat li l-kontrolli fil-fruntieri interni jsiru biss f'dawk l-inħawi tal-fruntieri interni fejn jitqies neċessarju u proporzjonat u l-implimentazzjoni għandha tiġi ssorveljata mill-qrib mill-Kummissjoni u l-Istati Membri rilevanti.

Abbażi taċ-ċirkostanzi msemmija hawn fuq l-Ungerija ma tistax tappoġġa l-adozzjoni tal-abbozz ta' deċiżjoni**.**

| | |
|---|---|
| Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2015 dwar l-applikazzjoni min-Netherlands tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntiera esterna | 13817/16 |
| Deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2016 dwar l-applikazzjoni mill-Italja tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-politika komuni dwar il-viżi | 13590/16 |

<table>
<tr><td colspan="2">Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/2038 tal-11 ta' Novembru 2016 li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-kumitati rilevanti tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa fir-rigward tal-proposti għal emendi għar-Regolamenti tan-NU Nri 7, 16, 37, 44, 45, 46, 48, 53, 78, 80, 83, 86, 87, 99, 105, 107, 110, 121, 128 u 129, il-proposta għal Regolament tan-NU dwar sistemi ta' retrokonverżjoni għal magni heavy duty li jużaw żewġ tipi ta' fjuwil, il-proposti għal emendi għar-Regolamenti Tekniċi Globali tan-NU 15 u 16, il-proposti għal żewġ regolamenti tekniċi globali tan-NU dwar il-proċedura ta' kejl għal vetturi bil-mutur b'żewġ jew tliet roti fir-rigward ta' ċerti tipi ta' emissjonijiet u fir-rigward tas-sistema dijanjostika abbord, rispettivament, u l-proposta għal riżoluzzjoni dwar speċifikazzjoni komuni ta' kategoriji ta' sorsi tad-dawl<br>ĠU L 314, 22.11.2016, p. 14-18</td><td colspan="2">13748/16</td></tr>
<tr><td colspan="4">It-3497 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AGRIKOLTURA U SAJD) li saret fi Brussell fl-14 u l-15 ta' Novembru 2016</td></tr>
<tr><td colspan="4">ATTI LEĠISLATTIVI</td></tr>
<tr><td>ATT</td><td>DOKUMENT</td><td>REGOLA TA' VOTAZZJONI</td><td>VOTI</td></tr>
<tr><td>Regolament (UE) 2016/2134 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 2016 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1236/2005 dwar il-kummerċ ta' ċerti oġġetti li jistgħu jintużaw għall-piena kapitali, it-tortura jew trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra<br>ĠU L 338, 13.12.2016, p. 1-33</td><td>27/16</td><td>Maġġoranza kwalifikata</td><td>L-Istati Membri kollha favur</td></tr>
<tr><td>Regolament (UE) 2016/2135 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 2016 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward ta' ċerti dispożizzjonijiet relatati mal-ġestjoni finanzjarja għal ċerti Stati Membri li jesperjenzaw jew ikunu mhedda minn diffikultajiet serji fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom<br>ĠU L 338, 13.12.2016, p. 34-36</td><td>39/16</td><td>Maġġoranza kwalifikata</td><td>L-Istati Membri kollha favur</td></tr>
</table>

| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
|---|---|
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 18/2016 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Is-sistema tal-UE għaċ-ċertifikazzjoni ta' bijokarburanti sostenibbli" | 14381/16 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/2053 tal-14 ta' Novembru 2016 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kosovo dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tal-Kosovo fi programmi tal-Unjoni<br>ĠU L 319, 25.11.2016, p. 1-2 | 13390/16 |
| **Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**<br>Meta tkun qed tiddetermina t-termini u l-kundizzjonijiet speċifiċi dwar il-parteċipazzjoni tal-Kosovo f'kull programm partikolari skont l-Artikolu 5 tal-Qafas tal-Ftehim, il-Kummissjoni ser tiżgura li dawn huma mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni tal-Unjoni dwar l-istatus tal-Kosovo. | |
| **Dikjarazzjoni tar-Renju Unit, l-Awstrija, ir-Repubblika Ċeka, Franza, il-Kroazja, l-Italja, l-Iżvezja u s-Slovenja**<br>Ir-Renju Unit, l-Awstrija, ir-Repubblika Ċeka, Franza, il-Kroazja, l-Italja, l-Iżvezja u s-Slovenja jixtiequ jiddokumentaw il-pożizzjoni tagħhom li l-Istati Membri individwali biss għandhom il-kompetenza li jirrikonoxxu l-istatus ta' stat. | |
| **Dikjarazzjoni mir-Renju Unit**<br>Ir-Renju Unit iqis li l-Protokoll Nru 21 għat-Trattati dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja huwa inkluż fil-proposti għal Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar l-iffirmar, l-applikazzjoni proviżorja u l-konklużjoni ta' Ftehimiet Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kosovo dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tal-Kosovo fi programmi tal-Unjoni, sakemm dawk id-Deċiżjonijiet jkunu relatati mal-parteċipazzjoni tal-istat imsemmija qabel fil-programm ta' azzjoni Fiscalis 2020 (Regolament 1286/2013) u fil-programm ta' azzjoni Dwana 2020 (Regolament 1294/2013).<br>Barra minn hekk, ir-Renju Unit iqis dawn id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill bħala eżerċizzju tal-kompetenza esterna tal-UE fir-rigward tad-diversi politiki settorjali segwiti mill-programmi sottostanti. Għalhekk, il-bażijiet legali sostantivi għall-programmi sottostanti kellhom jiġu ċitati bħala l-bażijiet legali għal dawn id-Deċiżjonijiet proposti dwar l-iffirmar u l-konklużjoni. Meta l-programmi jkun fihom kontenut ta' ġustizzja u affarijiet interni, id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill proposti għandhom jiċċitaw il-bażijiet legali rilevanti mit-Titolu V tat-Tielet Parti tat-TFUE. | |

| | |
|---|---|
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/2087 tal-14 ta' Novembru 2016 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżlanda li jikkonċerna preferenzi kummerċjali addizzjonali fi prodotti agrikoli<br>ĠU L 324, 30.11.2016, p. 1-2 | 12150/16 |
| **It-3498 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET BARRANIN) li saret fi Brussell fl-14 u l-15 ta' Novembru 2016** | |
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1990 tal-14 ta' Novembru 2016 li temenda l-Azzjoni Konġunta 2008/124/PESK dwar il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Istat tad-Dritt fil-Kosovo (Dan l-isem huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u huwa konformi mal-UNSCR 1244(1999) u mal-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo. ) (EULEX KOSOVO)<br>ĠU L 306, 15.11.2016, p. 16-18 | 13277/16 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni Ewropea u lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà jiftħu negozjati dwar u jinnegozjaw, f'isem l-Unjoni Ewropea, id-dispożizzjonijiet li huma kompetenza tal-Unjoni ta' Ftehim Komprensiv bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Ażerbajġan, min-naħa oħra | 13307/16 |
| Deċiżjoni tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, li tawtorizza lill-Kummissjoni Ewropea tiftaħ negozjati dwar u tinnegozja, f’isem l-Istati Membri, id-dispożizzjonijiet li jaqgħu fil-kompetenzi tal-Istati Membri ta’ Ftehim Komprensiv bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Ażerbajġan, min-naħa l-oħra | 13308/16 |

| | |
|---|---|
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar qafas strateġiku għall-UE kollha biex tiġi appoġġata r-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà (RSS) | 13998/16 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Ħames Konferenza ta’ Reviżjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Projbizzjonijiet u r-Restrizzjonijiet fuq l-Użu ta’ Ċerti Armi Konvenzjonali Li Jistgħu Jitqiesu li huma ta’ Ħsara Eċċessiva jew li Għandhom Effetti Indiskriminati (CCW) (Ġinevra, 12-16 ta’ Diċembru 2016) | 14177/16 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ftehim dwar l-Iran | 14089/16 |
| Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/2000 tal-15 ta' Novembru 2016 li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja<br>ĠU L 308, 16.11.2016, p. 20-21 | 14118/16 |
| Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1996 tal-15 ta' Novembru 2016 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja<br>ĠU L 308, 16.11.2016, p. 3-4 | 14119/16 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sħubija tal-Lvant | 14244/16 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Globali tal-UE fil-qasam tas-Sigurtà u d-Difiża | 14149/16 |

**It-3499 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET ĠENERALI) li saret Brussell fil-15 u s-16 ta’ Novembru 2016**

ATTI LEĠISLATTIVI

| ATT | DOKUMENT | REGOLA TA' VOTAZZJONI | VOTI |
|---|---|---|---|
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/2039 tal-15 ta' Novembru 2016 li tadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 6 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2016 li jakkumpanja l-proposta biex jiġi mobilizzat il-Fond ta' Solidarjetà tal-UE biex tingħata assistenza lill-Ġermanja<br>ĠU L 314, 22.11.2016, p. 19-19 | 13653/16 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur |

| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
|---|---|
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/2039 tal-15 ta' Novembru 2016 li tadotta l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 6 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2016 li jakkumpanja l-proposta biex jiġi mobilizzat il-Fond ta' Solidarjetà tal-UE biex tingħata assistenza lill-Ġermanja<br>ĠU L 314, 22.11.2016, p. 19-19 | 13651/16 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tisħiħ tar-Reżiljenza tal-UE għaċ-Ċibersigurtà u t-Trawwim ta' Industrija taċ-Ċibersigurtà Kompetittiva u Innovattiva | 14540/16 |
| Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/2000 tal-15 ta' Novembru 2016 li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja<br>ĠU L 308, 16.11.2016, p. 20-21 | 13297/16 |
| Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1996 tal-15 ta' Novembru 2016 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja<br>ĠU L 308, 16.11.2016, p. 3-4 | 13299/16 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/2001 tal-15 ta' Novembru 2016 dwar kontribut tal-Unjoni għall-istabbiliment u l-ġestjoni sigura ta' Bank tal-Uranju b'Arrikkiment Baxx (LEU) taħt il-kontroll tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika (IAEA) fil-qafas tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva<br>ĠU L 308, 16.11.2016, p. 22-28 | 13714/16 |

<table>
<tr><td>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/2026 tal-15 ta' Novembru 2016 dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-Istati Membri għall-finanzjament tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, inklużi l-limitu massimu għall-2018, l-ammont annwali għall-2017, l-ewwel ħlas parzjali għall-2017 u previżjoni indikattiva u mhux vinkolanti għall-ammonti annwali mistennija għas-snin 2019 u 2020<br>ĠU L 313, 19.11.2016, p. 25-27</td><td>13741/16</td></tr>
<tr><td colspan="2">Dikjarazzjoni konġunta minn Franza u l-Iżvezja<br><br>Franza u l-Iżvezja indikaw il-qbil tagħhom għad-Deċiżjoni tal-Kunsill (13791/16 AKP) dwar l-ammont tal-ewwel ħlas parzjali għall-2017 u l-ammont annwali tal-istess sena, kif ukoll għal-limitu massimu tal-kontribuzzjonijiet għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) għall-2018, fid-dawl tal-prijoritajiet politiċi definiti mill-Kunsill Ewropew li jeħtieġu l-mobilizzazzjoni ta’ finanzjament addizzjonali.<br><br>Franza u l-Iżvezja jixtiequ madankollu li l-Kummissjoni Ewropea tikkunsidra l-elementi li ġejjin:<br><br>– filwaqt li nfakkru fit-tħassib tagħna dwar il-metodi użati mill-Kummissjoni Ewropea sabiex tistabbilixxi l-estimi tal-ħlasijiet tagħha, jixtiequ li l-abbozz ta’ Deċiżjoni tal-Kunsill jiffissa l-kontribuzzjonijiet nazzjonali għall-2018 għal ammont adatt u sostanzjat.<br><br>– Nistiednu lill-Kummissjoni Ewropea tkompli u żżid l-isforzi tagħha biex b’mod attiv tissorvelja l-implimentazzjoni tal-FEŻ u żżomm lill-Kunsill infurmat dwar kwistjonijiet baġitarji. Fir-rigward ta’ dan l-aħħar punt, il-Kummissjoni Ewropea tkun tista’ b’mod utli:<br><br>• tikkondividi regolarment il-kalkoli ipotetiċi użati biex jiġi determinat il-livell propost ta’ kontribuzzjonijiet nazzjonali, b’mod partikolari fir-rigward tal-metodi 1 u 3 tal-estimi tal-ħtiġijiet ta’ pagament imsemmija fid-dokument tagħha Nru 109/16, li għalih Franza u l-Iżvezja jirringrazzjaw lill-Kummissjoni;<br><br>• tispeċifika regolarment, deċiżjonijiet ta’ finanzjament ta’ ammont sinifikanti, x’impatt dawn għandhom fuq il-previżjonijiet ta’ pagament u fuq ir-riżervi tal-FEŻ.</td></tr>
<tr><td>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Riżultati u l-Elementi Ġodda tal-Politika ta' Koeżjoni u l-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej</td><td>14542/16</td></tr>
</table>

<table>
<tr><td colspan="4">It-3501 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (ĠUSTIZZJA U AFFARIJIET INTERNI) li saret fi-Brussell fit-18 ta' Novembru 2016</td></tr>
<tr><td colspan="4">ATTI MHUX LEĠISLATTIVI</td></tr>
<tr><td colspan="2">ATT</td><td colspan="2">DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET</td></tr>
<tr><td colspan="2">Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/2047 tat-18 ta' Novembru 2016 dwar it-tnedija fid-Danimarka tal-iskambju awtomatizzat ta' data fir-rigward ta' data dwar id-DNA<br>ĠU L 318, 24.11.2016, p. 8-9</td><td colspan="2">11219/16</td></tr>
<tr><td colspan="2">Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/2048 tat-18 ta' Novembru 2016 dwar it-tnedija fid-Danimarka tal-iskambju awtomatizzat ta' data fir-rigward ta' data dattiloskopika<br>ĠU L 318, 24.11.2016, p. 10-11</td><td colspan="2">11220/16</td></tr>
<tr><td colspan="2">Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/2044 tat-18 ta' Novembru 2016 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir għad-detenturi ta' passaporti diplomatiċi<br>ĠU L 318, 24.11.2016, p. 1-2</td><td colspan="2">15470/15</td></tr>
<tr><td colspan="4">Adozzjoni ta' atti leġislattivi wara t-Tieni Qari tal-Parlament Ewropew (Strasburgu, mill-21 sal-24 ta’ Novembru 2016)</td></tr>
<tr><td colspan="4">ATTI LEĠISLATTIVI</td></tr>
<tr><td>ATT</td><td>DOKUMENT</td><td>REGOLA TA' VOTAZZJONI</td><td>VOTI</td></tr>
<tr><td>Regolament (UE) 2016/2094 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 2016 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1342/2008 li jistabbilixxi pjan għal perijodu fit-tul għall-istokkijiet tal-merluzz u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet<br>ĠU L 330, 3.12.2016, p. 1-4</td><td>44/16<br>(14719/16)</td><td>Mhux applikabbli</td><td>Mhux applikabbli</td></tr>
</table>

| It-3502 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (EDUKAZZJONI, ŻGĦAŻAGĦ, KULTURA U SPORT) li saret fi Brussell fil-21 u t-22 ta' Novembru 2016 | |
|---|---|
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/2234 tal-21 ta' Novembru 2016 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Aġenzija għas-Sigurtà tan-Navigazzjoni bl-Ajru fl-Afrika u f'Madagascar (ASECNA) dwar l-iżvilupp tar-radjunavigazzjoni bis-satellita u l-provvista ta' servizzi relatati fiż-żona ta' kompetenza tal-ASECNA għall-benefiċċju tal-avjazzjoni ċivili<br>ĠU L 337, 13.12.2016, p. 1-2 | 13520/16 |
| Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Aġenzija għas-Sigurtà tan-Navigazzjoni bl-Ajru fl-Afrika u f'Madagascar (ASECNA) dwar l-iżvilupp tar-radjunavigazzjoni bis-satellita u l-provvista ta' servizzi relatati fiż-żona ta' kompetenza tal-ASECNA għall-benefiċċju tal-avjazzjoni ċivili | 13661/16 |
| Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (EU) 2016/2090 tal-21 ta' Novembru 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2009/790/KE li tawtorizza lir-Repubblika tal-Polonja li tapplika miżura ta' deroga mill-Artikolu 287 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud<br>ĠU L 324, 30.11.2016, p. 7-8 | 13842/16 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/2136 tal-21 ta' Novembru 2016 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżlanda dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel<br>ĠU L 332, 7.12.2016, p. 1-2 | 11785/16 |

| | |
|---|---|
| Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/75 tal-21 ta' Novembru 2016 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u l-Bożnija-Ħerzegovina, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea<br>ĠU L 12, 17.1.2017, p. 1-2 | 13822/16 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (Euratom) 2017/76 tal-21 ta' Novembru 2016 li tapprova l-konklużjoni, mill-Kummissjoni Ewropea, f'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u l-Bożnija-Ħerzegovina, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea<br>ĠU L 12, 17.1.2017, p. 22-23 | 13825/16 |
| Protokoll għall-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u l-Bożnija-Ħerzegovina min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea<br>ĠU L 12, 17.1.2017, p. 3-21 | 13823/16 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/2040 tal-21 ta' Novembru 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2010/279/PESK dwar il-Missjoni tal-Pulizija tal-Unjoni Ewropea fl-Afganistan (EUPOL AFGHANISTAN), li tipprevedi l-likwidazzjoni tagħha<br>ĠU L 314, 22.11.2016, p. 20-21 | 12412/16 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-promozzjoni ta' approċċi ġodda fil-ħidma fost iż-żgħażagħ biex jiġi skopert u żviluppat il-potenzjal taż-żgħażagħ<br>ĠU C 467, 15.12.2016, p. 8-11 | 14277/16 |

| | |
|---|---|
| Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għal Ewropa Inklużiva u Kompetittiva<br>ĠU C 467, 15.12.2016, p. 1-2 | 13413/16 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni li twassal għal estremiżmu vjolenti<br>ĠU C 467, 15.12.2016, p. 3-7 | 14276/16 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-diplomazija bl-isport<br>ĠU C 467, 15.12.2016, p. 12-14 | 14279/16 |
| **Proċedura bil-miktub konkluża fl-24 ta' Novembru 2016** | |
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tapprova l-konklużjoni mill-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) tal-Ftehim dwar Kooperazzjoni Operattiva u Strateġika bejn l-Ukrajna u l-Europol | 10345/1/16 REV 1 |
| **Proċedura bil-miktub konkluża fit-28 ta' Novembru 2016** | |
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| Regolament tal-Kunsill li jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd għall-2017 għal ċerti stokkijiet ta' ħut u gruppi ta' stokkijiet ta' ħut applikabbli fil-Baħar Baltiku u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/72 | 13196/16<br>Regola ta' votazzjoni: Maġġoranza kwalifikata<br>Riżultat tal-vot: L-Istati Membri kollha favur |

**Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kummissjoni u mill-Ġermanja dwar l-għażla ta' appoġġ għall-waqfien temporanju tal-attivitajiet tas-sajd permezz tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS)**

1. Il-punt (b) tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-merluzz, l-aringi u l-laċċ ikħal fil-Baħar Baltiku u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet jippermetti lill-Istati Membri li jadottaw miżuri ta' emerġenza f'konformità mal-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd.

2. Skont il-valutazzjoni tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES), l-istokk tal-merluzz fil-Punent tal-Baħar Baltiku huwa fi stat kritiku ħafna. Il-bijomassa tal-istokk riproduttiv tal-merluzz hija inqas mil-livell limitu tal-bijomassa tal-istokk riproduttiv stipulat fil-kolonna B tal-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 2016/1139. Jenħtieġ b'mod urġenti li jiġu adottati miżuri korrettivi sabiex jintlaħaq livell ogħla mill-punt minimu ta' referenza.

3. Il-Ġermanja għalhekk tqis li jenħtieġ li jiġu adottati miżuri ta' emerġenza f'konformità mal-Artikolu 13(1) tar-Regolament 1380/2013. Il-miżuri ta' emerġenza jikkonsistu minn limitazzjoni tal-attivitajiet tas-sajd bi 30 jum addizzjonali għall-bastimenti tas-sajd Ġermaniżi li jistadu għall-merluzz fis-Suddiviżjonijiet 22-24 skont kif ġej: it-30 jum fil-forma ta' tliet blokok ta' għaxart ijiem li s-sajjieda jistgħu jiddeterminaw b'mod indipendenti fil-perijodi tas-sajd mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Jannar u mill-1 ta' April sat-30 ta' Ġunju 2017.

4. Il-Kummissjoni tilqa' d-deċiżjoni tal-Ġermanja li timplimenta din il-miżura ta' emerġenza.

5. Il-Ġermanja tqis li din il-miżura ta' emerġenza skont il-punt (a) tal-Artikolu 33(1) tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2328/2003 hija eliġibbli għal finanzjament mill-FEMS.

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Dikjarazzjoni mill-Polonja**<br>It-test ta’ kompromess kif adottat, li għandu l-għan li jiżgura approċċ bilanċjat u li jipproteġi l-istokkijiet fil-Baħar Baltiku, ser jirrikjedi ħafna sagrifiċċji u jpoġġi piż kbir fuq l-industrija tas-sajd.<br>Għalhekk il-Polonja hija tal-opinjoni li l-Fond Ewropew għas-Sajd għandu jagħti protezzjoni speċjali lis-sajd kostali, li għandu impatt baxx fuq l-ambjent, u li jagħti kontribut essenzjali għall-preservazzjoni tal-wirt kulturali tar-reġjun tal-Baħar Baltiku.<br>Il-Polonja tixtieq issemmi b’mod espliċitu l-ħtieġa li l-programm operazzjonali jiġi adattat b’tali mod li jipprovdi lis-sajjieda opportunitajiet addizzjonali għall-konservazzjoni tar-riżorsi fil-Baħar Baltiku.<br>Barra minn hekk, il-Polonja titlob kontroll speċjali tas-sajd fil-Baħar Baltiku b’mod partikolari fir-rigward tas-sajd industrijali, li għandu impatt negattiv sinifikanti fuq l-istokkijiet tal-merluzz.<br>Il-Polonja tixtieq ukoll tħeġġeġ lill-Presidenza tal-forum BALTFISH biex tieħu azzjoni immedjata u deċiżiva biex tintroduċi perijodi ta’ rkupru bijoloġiku kemm għall-istokkijiet tal-merluzz kif ukoll għall-ispeċijiet pelaġiċi fil-Baħar Baltiku. | | | |
| **Dikjarazzjoni mill-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja u l-Polonja fir-rigward tal-merluzz tal-Baltiku**<br>L-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja u l-Polonja huma tal-fehma li l-ftehim politiku dwar l-istokkijiet tal-merluzz fil-Baħar Baltiku għall-2017 huwa mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe diskussjoni futura dwar id-distribuzzjoni tal-istokkijiet u l-allokazzjoni ta' possibbiltajiet ta' sajd bejn iż-żoni. L-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja u l-Polonja jissottolinjaw l-importanza li tinżamm stabbiltà relattiva. | | | |
| **It-3503 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (KOMPETITTIVITÀ (SUQ INTERN, INDUSTRIJA, RIĊERKA U SPAZJU)) li saret Brussell fit-28 u d-29 ta' Novembru 2016** | | | |
| ATTI LEĠISLATTIVI | | | |
| ATT | DOKUMENT | REGOLA TA' VOTAZZJONI | VOTI |
| Baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2017 | 14635/16 | Maġġoranza kwalifikata | L-Istati Membri kollha favur, minbarra:<br>Astensjoni: EL, IT, UK |

**1. Dikjarazzjoni konġunta dwar l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ**

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jfakkru li t-tnaqqis tal-qgħad fost iż-żgħażagħ jibqa' prijorità politika għolja u kondiviża, u għal dan l-għan huma jirriaffermaw id-determinazzjoni tagħhom li jagħmlu l-aħjar użu possibbli tar-riżorsi baġitarji disponibbli biex dan jiġi indirizzat, u b'mod partikolari permezz tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ (YEI).

Huma jfakkru li, f'konformità mal-Artikolu 14(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 (Regolament QFP), "Il-marġini li għadhom disponibbli taħt il-limitu massimu tal-QFP għal approprjazzjonijiet ta' impenn għas-snin 2014-2017 għandhom jikkostitwixxu Marġini Globali tal-QFP għall-impenji, li għandhom isiru disponibbli barra mil-limiti massimi stabbiliti fil-QFP għas-snin 2016 sa 2020 għal għanijiet ta' politika marbuta mat-tkabbir u l-impjiegi, b'mod partikolari l-impjiegi taż-żgħażagħ".

Il-Kunsill u l-Parlament Ewropew jistiednu lill-Kummissjoni biex tipproponi baġit emendatorju fl-2017 sabiex jiġu pprovduti EUR 500 miljun għall-YEI fl-2017 iffinanzjati skont il-Marġini globali għall-impenji, malli jiġi adottat l-aġġustament tekniku previst fl-Artikolu 6 tar-Regolament QFP.

Il-Kunsill u l-Parlament Ewropew jimpenjaw ruħhom li jipproċessaw malajr l-abbozz ta' baġit emendatorju għall-2017 imressaq mill-Kummissjoni.

**2. Dikjarazzjoni konġunta dwar l-approprjazzjonijiet ta' pagament**

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ifakkru fil-ħtieġa li tiġi żgurata, fid-dawl tal-implimentazzjoni, il-progressjoni ordnata tal-pagamenti b'rabta mal-approprjazzjonijiet ta' impenn sabiex jiġi evitat kull livell anormali ta' fatturi mhux imħallsa fi tmiem is-sena.

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jappellaw lill-Kummissjoni biex tkompli tissorvelja mill-qrib u b'mod attiv l-implimentazzjoni tal-programmi għall-2014-2020. Għal dak l-għan, jistiednu lill-Kummissjoni biex tippreżenta f'waqthom, ċifri aġġornati rigward l-istat ta' implimentazzjoni u stimi rigward ħtiġijiet ta' approprjazzjonijiet ta' pagament fl-2017.

Il-Kunsill u l-Parlament Ewropew ser jieħdu kwalunkwe deċiżjoni meħtieġa fi żmien debitu għal ħtiġijiet ġustifikati kif dovut biex jipprevjenu l-akkumulazzjoni ta' ammont eċċessiv ta' kontijiet mhux imħallsa u biex jiżguraw li t-talbiet għal pagament jiġu rimborżati kif dovut.

**3. Dikjarazzjoni konġunta dwar it-tnaqqis ta' 5 % tal-persunal**

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jfakkru fil-qbil li progressivament inaqqsu 5 % tal-persunal kif hemm fit-tabella tal-persunal fl-1 ta' Jannar 2013, li għandu jiġi applikat għall-istituzzjonijiet, korpi u aġenziji kollha, kif iddikjarat fil-Punt 27 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 dwar id-dixxiplina baġitarja, dwar il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u dwar il-ġestjoni finanzjarja tajba.

It-tliet istituzzjonijiet ifakkru li s-sena fil-mira għall-implimentazzjoni sħiħa ta' tnaqqis ta' 5 % tal-persunal hija l-2017. Huma jaqblu li ser jittieħdu miżuri ta' segwitu xierqa biex jittieħed kont tas-sitwazzjoni bil-ħsieb li jiġi żgurat li qed isiru l-isforzi kollha possibbli biex jiġi evitat kwalunkwe dewmien ieħor fl-implimentazzjoni ta' mira ta' tnaqqis ta' 5 % tal-persunal fl-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji kollha.

It-tliet istituzzjonijiet jilqgħu l-perspettiva ġenerali mill-Kummissjoni tad-data konsolidata dwar il-persunal estern kollu impjegat mill-istituzzjonijiet, ippreżentata fl-abbozz ta' baġit, skont il-punt (b) tal-Artikolu 38(3) tar-Regolament Finanzjarju. Huma jistiednu lill-Kummissjoni biex tkompli tipprovdi din l-informazzjoni meta tippreżenta l-abbozz tal-baġits tagħha għas-snin li ġejjin.

Il-Kunsill u l-Parlament jissottolinjaw li l-kisba tal-mira ta' tnaqqis ta' 5 % tal-persunal għandha tikkontribwixxi lejn iffrankar fl-infiq amministrattiv tal-istituzzjonijiet. Fid-dawl ta' dan, huma jistiednu lill-Kummissjoni biex tibda bil-valutazzjoni tal-eżitu tal-eżerċizzju sabiex jinsiltu minnu tagħlimiet għall-futur.

**4. Dikjarazzjoni konġunta dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli**

Sabiex jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni, il-Kummissjoni nediet il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli (EFSD) ibbażat fuq l-istabbiliment ta' Garanzija EFSD u Fond ta' Garanzija EFSD. Il-Kummissjoni tipproponi li tiffinanzja l-Fond ta' Garanzija EFSD b'EUR 750 miljun fuq il-perijodu 2017-2020, li EUR 400 miljun minnhom ġejjin mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) fuq l-erba' snin, EUR 100 miljun mill-ENI fuq il-perijodu 2017–2020 (li EUR 25 miljun minnhom fl-2017), u EUR 250 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn (u ta' pagament) fl-2017.

Il-Kunsill u l-Parlament Ewropew jistiednu lill-Kummissjoni titlob l-approprjazzjonijiet meħtieġa f'baġit emendatorju fl-2017 sabiex jiġi pprovdut il-finanzjament tal-EFSD mill-baġit tal-UE malli tiġi adottata l-bażi legali.

Il-Kunsill u l-Parlament Ewropew jimpenjaw ruħhom li jipproċessaw malajr l-abbozz ta' baġit emendatorju għall-2017 imressaq mill-Kummissjoni.

| |
|---|
| **5. Dikjarazzjoni Konġunta dwar Fondi Fiduċjarji tal-UE u l-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija**<br>Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li l-istabbiliment ta' Fondi Fiduċjarji kif ukoll tal-Faċilità għar-Refuġjati fit-Turkija għandhom ikunu trasparenti u ċari, konsistenti mal-prinċipju tal-unità tal-baġit tal-Unjoni, mal-prerogattivi tal-awtorità baġitarja, u mal-objettivi ta' bażijiet legali eżistenti.<br>Huma jimpenjaw ruħhom li jindirizzaw, kif xieraq, dawk il-kwistjonijiet bħala parti mir-reviżjoni tar-Regolament Finanzjarju sabiex jintlaħaq l-aħjar bilanċ bejn il-flessibbiltà u r-responsabbiltà.<br>Il-Kummissjoni timpenja ruħha li:<br>- tinforma regolarment lill-awtorità baġitarja dwar finanzjament (inkluż kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri) u operazzjonijiet li jkunu għaddejjin jew ippjanati tal-Fondi Fiduċjarji;<br>- tippreżenta, mill-2017 'il quddiem, Dokument ta' Ħidma li jakkumpanja l-abbozz tal-baġit għas-sena finanzjarja ta' wara;<br>- tipproponi miżuri għal involviment xieraq tal-Parlament Ewropew. |
| **6. Dikjarazzjoni konġunta dwar l-agrikoltura**<br>Il-baġit għall-2017 jinkludi sensiela ta' miżuri ta' emerġenza biex jgħinu lill-bdiewa jiffaċċaw id-diffikultajiet fis-suq esperjenzati dan l-aħħar. Il-Kummissjoni tikkonferma li l-marġini taħt l-intestatura 2 hija biżżejjed biex tindirizza ħtiġijiet possibbli mhux previsti. Hija timpenja ruħha li tissorvelja s-sitwazzjoni fis-suq b'mod regolari u li tippreżenta, jekk ikun meħtieġ, miżuri xierqa biex jiġu indirizzati ħtiġijiet li ma jkunux jistgħu jiġu koperti mill-approprjazzjonijiet awtorizzati fil-baġit. F'każ bħal dan, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jimpenjaw ruħhom li jipproċessaw il-proposti baġitarji rilevanti kemm jista' jkun malajr. |

| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
|---|---|
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Mobilizzazzjoni tal-Marġni ta' Kontinġenza fl-2017 | 14636/16 |
| Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta’ Flessibbiltà għall-finanzjament ta’ miżuri baġitarji immedjati biex tiġi indirizzata l-kriżi tal-migrazzjoni, tar-refuġjati u tas-sigurtà | 14637/16 |
| Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta’ Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea sabiex jipprovdi għall-pagament tal-avvanzi fil-baġit ġenerali tal-Unjoni għall-2017 | 10763/16 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/2360 tat-28 ta' Novembru 2016 dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim dwar l-Akkwisti u l-Iskambju ta' Servizzi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka<br>ĠU L 350, 22.12.2016, p. 1-2 | 10330/16 |
| Ftehim dwar l-Akkwisti u l-Iskambju ta’ Servizzi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka (US-EU-01)<br>ĠU L 350, 22.12.2016, p. 3-14 | 10332/16 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/2083 tat-28 ta’ Novembru 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2014/486/PESK dwar il-Missjoni ta' Konsulenza tal-Unjoni Ewropea għar-Riforma tas-Settur tas-Sigurtà Ċivili fl-Ukrajna (EUAM Ukraine)<br>ĠU L 321, 29.11.2016, p. 55-56 | 13551/16 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar “Miżuri b'appoġġ għar-riċerkaturi fil-bidu tal-karriera tagħhom, biex tiżdied l-attraenza tal-karrieri xjentifiċi u jitrawwem l-investiment fil-potenzjal uman fir-riċerka u l-iżvilupp” | 15013/16 |

| It-3504 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET BARRANIN/ŻVILUPP) li saret fi Brussell fit-28 ta’ Novembru 2016 | |
|---|---|
| ATTI MHUX LEĠISLATTIVI | |
| ATT | DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-ewwel Rapport ta' Riżultati dwar l-iżvilupp u l-kooperazzjoni internazzjonali tal-UE | 14676/16 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-integrazzjoni ta’ soluzzjonijiet u teknoloġiji diġitali fil-politika tal-UE għall-iżvilupp | 14682/16 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Pożizzjoni Komuni tal-UE għat-tieni Laqgħa ta' Livell Għoli tas-Sħubija Globali dwar Kooperazzjoni Effettiva għall-Iżvilupp (GPEDC) (Nairobi, 29 ta' Novembru-1 ta' Diċembru 2016) | 14684/16 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 15/2016 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: ‘Il-Kummissjoni mmaniġġat b'mod effettiv l-Għajnuna umanitarja pprovduta lil popolazzjonijiet milquta minn kunflitti fir-Reġjun tal-Lagi l-Kbar Afrikani?’ | 14867/16 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/2082 tat-28 ta’ Novembru 2016 li temenda l-Azzjoni Konġunta 2008/851/PESK dwar l-operazzjoni militari tal-Unjoni Ewropea bil-ħsieb ta' kontribut għad-deterrenza, il-prevenzjoni u t-trażżin tal-atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja ĠU L 321, 29.11.2016, p. 53-54 | 13274/16 |
| Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f’isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, u l-applikazzjoni proviżorja ta' Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea | 13947/16 |
| Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Renju Ħaxemita tal-Ġordan min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja fl-Unjoni Ewropea | 13949/16 |
| Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Enerġija u l-Iżvilupp | 14839/16 |